FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 14/01JR**

**Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Stephen Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), u fejn intqal li:**

1. **Il-konvenut kien assigurat mal-kumpanija attrici;**

2. **Fit-13 ta' Frar, 2000, f'Hompesch Road, Fgura, kienet grat kollizjoni bejn il-vettura FAH-287 assikurata mal-kumpanija attrici u misjuqa mill-konvenut u l-vettura BAV-557 ta' Francis Ellul;**

3. **Il-kumpanija attrici hallset id-danni li kienu gew kagonati lit-"third party";**

4. **Skond il-polza ta' sikurta` il-konvenut ghandu jbati l-ewwel hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00);**

5. **Il-kumpanija attrici nterpellat lill-konvenut bonarjament u anke b'ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2000, biex ihallas din is-somma izda ghal ta' xejn;**

6. **Ghalhekk il-kumpanija attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat biex ihallasha l-imsemmija somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), parti mill-hsara kagonata kif fuq inghad u li kellu jbatiha hu that il-polza bhala "excess" u li thallset mill-kumpanija attrici lit-"third party" fl-interess tieghu, u dana bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2000, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-istess ittra ufficjali, u l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota ta' cessjoni prezentata fit-23 ta' Frar, 2001, li permezz taghha is-socjeta` attrici cediet is-sorte pero` zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2000,**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**